(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-10 ta' Marzu, 2015

(iv) is a public officer or a member of the police or Armed Forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

10th March, 2015

**Nru. 207**

**AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

**No. 207**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
*A detailed justification is presented below:*

Numru ta' Riferenza: TRK. 157102 (EA 00006/15)
Post: Tas-Salvatur Farmhouse, Nigret, Triq il-Ġarġir, Ir-Rabat, Malta
Proposta: Emendi għall-permess PA 04663/10, li jinvolvu il-ħolqien ta' razzett wieħed għat-tiġieġ minflok numru ta' kmamar żgħar, estensjoni ta' razzett eżistenti billi jiġi propost razzett tal-ħnieżer, maħżen, ċaqliq ta' stalel, kamra għall-mogħoż u residenza għall-bidwi.

*Reference Number:* TRK. 157102 (EA 00006/15)
*Location:* Tas-Salvatur Farmhouse, Nigret, Triq il-Ġarġir, Rabat, Malta
*Proposal: Amendments to permit PA 04663/10, involving formation of one large farm for chickens instead of smaller rooms, extension to existing farm by proposing pig farm, store, shifting location of stables, room for goats and residence for farmer.*

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fil-5 ta' Jannar, 2015, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-17 ta' Frar, 2015.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 5th January, 2015, and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 17th February, 2015.

| Impatti potenzjali<br>*Potential Impacts* | Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.<br>*Remarks on mitigation measures, etc.* |
|---|---|
| Skart solidu u likwidu | Mhuma previsti l-ebda impatti ambjentali sinifikanti matul il-fażi ta' kostruzzjoni. Matul ix-xogħlijiet, l-impatti jistgħu jiġu mitigati suffiċjentement permezz tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007, (Avviż Legali 295 tal-2007, kif emendat).<br>Waqt l-operat, l-iskart iġġenerat mir-razzett għandu jiġi mmaniġġat permezz tal-installazzjoni ta' infrastruttura adegwata li tinkludi demmiela, fossa, tankijiet, is-sistemi xierqa ta' ventilazzjoni tal-arja u l-implimentazzjoni tar-Regolamenti relevanti dwar il-Ġestjoni tal-Iskart, li tinkludi trasport adegwat tal-iskart barra mis-sit skont permessi relevanti mill-MEPA. |
| *Solid and liquid wastes* | *No significant environmental impacts are envisaged during the construction phase. During works, impacts can be sufficiently mitigated through the application of mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007, as amended).*<br>*During operations, waste generated from the farm operations shall be managed through the installation of appropriate infrastructure, i.e. manure clamp, cesspit, settling tanks, the appropriate air ventilation systems and the implementation of relevant Waste Management Regulations, with the transportation of such waste out of the site in accordance with the relevant MEPA waste permits.* |
| Kontaminazzjoni ta' art u l-ilma | Tixrid potenzjali matul il-fażi ta' kostruzzjoni jista' jiġi mmitigat permezz tal-applikazzjoni adegwata tal-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007, flimkien ma' salvagwardji oħra, relattivament *standard*, għall-iżviluppi industrijali/rziezet.<br>Matul l-operat, taħlita ta' miżuri bbażati fuq il-disinn u fuq l-operat għandom ikunu biżżejjed biex jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni tal-art jew tal-ilma minn kwalunkwe tixrid ta' inkwinanti. |
| *Contamination of land and water* | *Potential spillages during the construction phase can be mitigated through the proper application of appropriate mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007, combined with other relatively standard permit safeguards for industrial/farm developments.*<br>*During operation, a combination of standard design-based and operational measures should be sufficient to ensure that there are no risks of contamination of land or water from any releases of pollutants.* |
| Pajsaġġ u impatti viżwali | Minkejja l-fatt li l-iżvilupp jista' jkun viżibbli mill-madwar immedjat jew minn żoni elevati mbiegħda ħafna mill-iżvilupp; l-ebda impatti sinifikanti mhuma previsti f'termini ta' pajsaġġ u l-impatt viżwali. Barra minn hekk, il-PDS jindika li se tiġi proposta skema ta' *landscaping* bħala *screening* adegwat tal-proposta sabiex jittaffa kull impatt viżwali li jista' jinqala mill-iżvilupp. |
| *Landscape and visual impacts* | *No inspite of the fact that the development may be visible from the immediate surroundings or from very distant elevated viewpoints; no significant impacts are envisaged in terms of landscape and visual impact. Moreover, the PDS indicates that a landscaping scheme is being proposed for adequate screening of the proposal to mitigate any visual impacts that may arise from the development.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

L-10 ta' Marzu, 2015

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

10th March, 2015